MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Numru. 29/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Tarcisju Cremona, 61 sena, bin l'Anglu u Catherine nee' Grech, imwieled Xaghra, nhar it-18 ta' Mejju 1951, residenti fil-fond numru Ta' Srug, Tarsons Properties, Triq Srug, Xaghra u detentur tal-karta tal-identita' numru 39051G**

**U**

**Jason Cremona, 37 sena, bin Tarcisju u Josephine nee Camilleri, imwieled Victoria, Ghawdex nhar is-07 ta' Dicembru 1974, residenti fil-fond numru Seagull Island, Triq Marsalforn, Xaghra u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 675G**

**U**

**Josef Cremona, 25 sena, bin Tarcisju u Josephine nee' Camilleri, imwieled Victoria, Ghawdex, residenti fil-fond numru Jostar, Triq Marsalforn, Xahra u detentur tal-karta tal-identita' numru 7887G**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati Tarcisju
Cremona, Jason Cremona u Josef Cremona akkuzati talli nhar il-15 ta' Marzu 2011 u xhur ta' qabel gewwa l-Ghawdex, u fl-inhawi differenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi, f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' numru ta' registrazzjoni falz ta' vettura jaqra DAH153 maghmul fuq l-injam.
2. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, sabiex jiksbu xi beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubbliku, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taghrif falz billi pproducew numru ta' registrazzjoni falz ta' vettura jaqra' DAH153 maghmul fuq l-injam.
3. U talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ghamlu falsifikazzjoni jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi pproducew numru ta'

registrazzjoni falz ta’ vettura jaqra DAH153 maghmul fuq l-injam.

4. talli ghamlu uzu minn marka ta’ registrazzjoni DAH153, xorta ohra minn dik moghtija minn Transport Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari.

5. ukoll talli meta kienu fil-pussess tal-pjanca tar-registrazzjoni DAH153, wahhlu din il-pjanca ma’ vettura tal-marka Leyland Boxer, meta din il-pjanca ma kenitx tirreferi jew tappartjeni ghal din il-vettura partikolari.

Lil Tarcijsu Cremona u lil Jason Cremona

6. talli l-istess zmien, lok u cirkustanzi, saqu vettura tal-ghamla Leyland Boxer meta in-nurmi ta’ registrazzjoni kienu DAH153 li kienu jappartjenu ghal vettura ohra, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tat-Transport Malta, jew saqu l-istess vettura meta ma kenux koperti b’polza tal-assikurazzjoni ghar-riskji ta’ terzi persuni.

7. talli l-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saqu ventura tal-ghamla Leyland Boxer bin-numru ta’ registrazzjoni JAZ794 meta il-vettura ma kelliix licenzja biex tinstaq fit-triq.

8. Ukoll talli l-istess data, lok, hin u cirkustanzi, xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza, u cioe’ minn licenzja tal-windscreen bin-numru serjali F851869 imwahhla fuq il-vettura tal-ghamla Leyland Boxer bin-numru tar-registrazzjoni JAZ794.

Lil Tarcisju Cremona wahdu:

9. talli ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi, f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, u cioe’ billi altera licenzja tal-windscreen bin-numru

F851869 uzat fuq vettura tal-ghamla Leyland Boxer bin-numru ta’ registrazzjoni JAZ794 biex gew jidhru bhala licenzja tal-vettura bin-numru tar-reistrazzjoni DAH153 billi saret fotokopja ta’ din l-istess licenzja li tiskadi f’April 2011.

10. U talli gewwa l-ufficcju tal-ispettur Josric Mifsud, Ghassa tal-Pulizija Rabat, Ghawdex ghal habta tas-sitta u ghoxrin ta’ filghaxija kiser il-bon ordni u paci pubblika b’ghajjat u storbju.

Semghet il-provi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-21 ta’ Marzu 2011 sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi huwa fatt mhux ikkontestat illi l-imputat Tarcisio Cremona li huwa sid fabbrika tal-irham gewwa r-Rabat, Ghawdex, hareg fuq it-triq trukk Leyland Boxer, li huwa juza sabiex igorr l-irham b’pjanci ta’ registrazzjoni foloz maghmula fuq bicca njama u li kellhom fuqhom numru ta registrazzjoni ta’ vettura ohra li wkoll tappartjeni lill-istess imputat, DAH153. Huwa fatt mhux ikkontestat ukoll illi dana t-trukk li n-numru ta’ registrazzjoni tieghu huwa JAZ794, ma kellux il-licenzja tat-triq imhallsa u kwindi lanqas ma kien kopert b’polza tal-assikurazzjoni. Dana minhabba l-fatt, kif isostni l-imputat Tarcisio Cremona, ma kienx ghadda mit-test tal-VRT u kwindi huwa ma setax johorgu fit-triq barra. Dana gara peress illi t-trukk kellu bzonn li ssirlu xi tiswija izda peress illi l-*ispare parts* mehtiega kienu ghadhom ma waslux minn barra minn Malta kwindi l-istess trukk ma setax ighaddi t-test tal-VRT u ghalhekk il-licenjza tieghu ma setghetx tiggedded. L-imputat kien madanakollu jaghmel uzu minnu billi jhott jew icaqlaq xi irham minn post ghal iehor gewwa l-bitha tal-

fabbrika. Izda, ighid l-imputat Tarcisio Cremona, fil-jum indikat fl-akkuza huwa kellu johrog it-trukk momentarjament barra t-triq peress illi kien wasal trukk iehor b'xi konsenja u ghalhekk kellu johorgu barra biex jahmel il-wisa' ghal konsenja l-gdida. Biex ghamel dan, peress illi kif diga nghad it-trukk ma kellux licenzja tat-triq imhallsa, saru pjanci foloz b'numru ta' vettura ohra u inoltre twahhlet fotokopja tal-*license disk* bin-numru F851869. L-imputat Tarcisio Cremona jsostni illi kien huwa li ghamel dana kollu u wliedu, l-imputati l-ohra fil-kawza, ghalkemm jahdmu mieghu ma kellhom xejn x'jaqsmu f'dak illi ghamel hu. L-imputati Josef u Jason Cremona ma jixhdux fil-kawza, izda fl-istqarrijiet rilaxxjati lill-pulizija meta gew interrogati, Josef Cremona jghid illi kienu huh u missieru li ghamlu dana x-xoghol kollu, izda minn naha tieghu Jason Cremona jichad illi kien involut.[1]

Illi l-akkuzi ewlenija migjuba fil-konfront tal-imputati huma dawk tal-falsifikazzjoni. Illi fir-rigward ta' dana r-reat, il-ligi taghna tikkontempla diversi forom ta' falz f'dokumenti pubblici u skritturi privati. Illi meta wiehed ihares lejn l-akkuzi jirrizulta illi l-imputati huma akkuzati kemm bl-hekk imsejjah falz materjali kif ukoll bil-falz ideologiku. Illi certament dawna nghataw kollha bhala akkuzi alternattivi u dana peress illi kull disposizzjoni tal-ligi tikkontempla kuncett legali separat ta' modalita' kif jigi kommess il-falz. Kif gie ritenut f'diversi sentenzi moghtija mill-qrati taghna fosthom f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Paul Galea**" deciza fis-17 ta' Ottubru 1997:
"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi iffalsifikat fl-essenza tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut idejali tieghu (ara antolisei F. Manuale di Diritto Penali – V.VI n.2296 – 829). Ikun hemm falz materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur rejali tad-dokument jew meta d-dokument ikun isubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu),

[1] Ara stqarrijiet ta'l-imputati Josef u Jason Cremona a fol.17 u 20.

mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin “non e’ veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero”. Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta’ falsita’ jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta’ fatti jew ta’ volonta (Antolisei F. op.cit p594). S’intendi b’kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta’ nies. Il-kitba f’dan is-sens tista’ issir kemm bl-id, kif ukoll b’mezzi mekkanici, b’mezz indelibbli jew li jista’ jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista’ jiehu imqar temporanjament il-messagg …”

Illi dana l-kaz kien jittratta pjanca ta’ registrazzjoni falza kif ukoll licenzja tat-triq li giet iffalisifikata billi giet ikkuppjata minn fuq wahda originali. Illi hawnhekk allura jista’ jirrizulta r-reat tal-falsifikazzjoni a tenur tal-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 u cioe’ tar-reat tal-falz ideologiku u mhux tal-falz materjal kif ravvizat fl-artikolu 183, 184 u 185 tal-Kapitolu 9. La l-pjanci ta’ registrazzjoni u lanqas il-fotokopja tal-licenzja tal-vettura tal-imputat Tarcisio Cremona ma kienu xi dokumenti iffalsifikati fl-essenza taghhom Hawnhekk si tratta ta’ flasifikazzjoni ideologiku ghaliex gew immanifatturati dokumenti li jindikaw informazzjoni skorretta. Il-pjanci gew maghmula wahda fuq l-injam u l-ohra tal-landa filwaqt illi l-licenzja mwahhla mal-windscreen hija fotokopja ta’ licenzja ohra. Ghalhekk inholqu “dokumenti” foloz sabiex jinkiseb il-vantagg kif spjegat fl-artikolu 188.

Illi stabbilit ghalhekk illi legalment tista tinstab htija ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 188 tal-Kapitolu 9, irid issa jigi stabbilit minn mill-imputati huwa hati ta’ dana r-reat. Dana qed jinghad ghaliex mill-provi l-uniku fatt stabbilit lil hinn minn kull dubbju, huwa illi kien l-imputat Tarcisio Cremona l-awtur ta’ dana r-reat. It-trukk huwa tieghu u kienet tieghu l-idea illi d-dokumenti in kwistjoni jigu iffalsifikati. Madanakollu hemm dubbju serju dwar l-involviment ta’ wliedu f’dana l-kaz. Dana qed jinghad ghaliex meta jixhed fil-qorti l-imputat Tarcisio Cremona jassumi r-

responsabilita’ shiha ghal dak li sehh u jezonera lill-uliedu minn kull htija. L-imputati l-ohra, kif diga inghad, ma jixhdux. Jekk wiehed jara l-istqarrijiet tat-tlett imputati hemm konfligenza shiha bejniethom dwar il-grad ta’ involviment taghhom. Jason Cremona jichad kategorikament illi huwa ha xi sehem fil-kummissjoni tar-reat, izda fl-istqarrija tieghu Josef Cremona jghid illi kienu missieru u huh Jason li ghamlu l-pjanci filwaqt illi Tarcisio Cremona fl-istqarrija tieghu jindika illi kien involut ibnu Josef u dana fuq struzzjonijiet tieghu. Provi ohra li jistghu jitfghu xi htija fuq l-imputati Josef u Jason Cremona ma hemmx u kwindi fid-dawl ta’ dana l-kunflitt fil-provi l-Qorti ma tistax issib htija f’dawn it-tnejn minn nies. Illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument il-Qorti kellha temmen xi wiehed minnhom, xorta wahda x-xhieda ta’ ko-akkuzat ma tista’ qatt tahmel prova fil-konfront ta’ ko-akkuzat iehor u kwindi ma hemmx l-icken prova fl-atti fil-konfront taz-zewg imputati Josef u Jason Cremona. Minn naha l-ohra ma hemmx dubbju illi l-mohh wara dana kollu kien Tarcisio Cremona li meta jixhed, kif diga nghad jassumi r-responsabbilta’ kollha ghall-azzjonijiet li wasslu ghall-akkuzi odjerni.

Illi fir-rigward tal-akkuzi ikkontemplati fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 u 3(1)(2) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandu jinghad illi ma hemmx dubbju illi dina l-akkuza hija pjenament u sodisfacentement ippruvata anke fuq ammissjoni tal-imputat stess kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija kif ukoll meta jixhed fil-qorti, illi huwa saq il-vettura fit-triq minghajr licenzja valida mahruga mill-Awtoritajiet kompetenti u minghajr ma kienet koperta b’polza tal-assikurazzjoni. Ghalkemm huwa minnu illi t-trukk inhareg mill-garaxx ghat-triq faccata tal-istess, madanakollu ma hemmx dubbju illi sabiex dan sehh l-imputat necessarjament saq il-vettura fit-triq, anke momentanjament. Anke l-akkuzi l-ohra moghtija abbazi tal-Avviz Legali 476 tal-2004 ukoll jirrizultaw ippruvati billi l-imputat biddel il-licenzja tal-vettura kif ukoll il-pjanci ta’ registrazzjoni taghha moghtija mill-awtorita ikkoncernata u cioe’ Transport Malta.

Illi finalment l-imputat Tarcisio Cremona huwa wkoll akkuzat illi kiser il-bon ordni u paci pubbliku fl-Ghassa tal-Pulizija ta-Rabat, Ghawdex meta huwa gholla lehnu mal-Ispettur Josric Mifsud waqt l-interrogazzjoni. Il-Qorti sejra taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Maria Concetta Green' (Volum LXXXIII Part IV paġina 441):

'*L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat ġew eżaminati funditus f'diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għamil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil.*

*L-iskambju ta' kliem, anke jekk inġurjuż jew minaċċjuż fih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jiżviluppa fih, jew iwassal għal, xi ħaġa oħra u aktar serja (bħal ġlied bl-idejn jew ħsara fil-propjeta') ma jammontax għall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali*.'

Illi ma hemmx dubbju illi waqt l-interrogazzzjoni l-imputat beda jgholli lehnu fil-konfront tal-Ispettur Josric Mifsud. Illi fix-xhieda tieghu l-Ispettur ma jsemmi xejn dwar dana l-incident[2], izda s-Surgent 664 Jason Xerri li kien xhud tal-volontarjeta u identita tal-istqarrija tal-imputat ighid illi l-imputat qam minn postu u beda jghajjat mal-Ispettur, izda ma jidhirx illi ntqal xi kliem ingurjuz jew ta' theddid fil-konfront tieghu. Inoltre jidher illi l-incident sehh fl-ufficcju tal-Ispettur Josric Mifsud fejn kienu prezenti biss l-Ispettur u s-surgent Xerri flimkien mal-imputat. Il-Qorti ghalhekk ma tistax tirriavisa l-kuncett tal-"breach of the peace" kif spjegat fis-sentenza hawn fuq citata u sottolinjata fil-

[2] Ara xhieda ta'l-Ispettur Josric Mifsud a fol.11

gurisprudenza tal-qrati taghna f'dana l-incident u kwindi l-imputat ser jigi illiberat minn dina l-akkuza.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti tosserva illi hija ma kellhiex ghad-disposizzjoni taghha l-fedina penali tal-imputat, izda ma jirrizultax illi l-imputat qed jigi akkuzat illi huwa recidiv. Il-Qorti hija tal-fehma illi fic-cirkostanzi partikolari ta' dana l-kaz piena karcerarja effettiva ma hijiex idonja.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 188 u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal- Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-regolamenti 14(1), 34(5) u 51(7) tal-Avviz Legali 476 ta'l-2004, filwaqt illi tillibera lill-imputati Jason u Josef Cemona mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom u filwaqt li tillibera lill-imputat Tarcisio Cremona mill-ewwel, it-tielet, it-tmien, id-disa' u l-ghaxar akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-kumplament tal-akkuzi u tikkundannah ghal perijodu ta' sena prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana l-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Il-Qorti qieghda wkoll tiskwalifika lill-hati milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum.

Finalment il-Qorti qieghda tordna wkoll il-konfiska tad-Dokumenti MM1 u MM2.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------